**NATIONAL COMMISSION PERSONS WITH DISABILITY**
Centru Hidma Socjali, Sta. Venera HMR 18
Tel: 487789; 448521; 245952; Fax: 484609; Text telephone: 446536

PEKTUR

# SEMMA LEHNEK!



**KORS TA' FONDAZZJONI GHALL-ATTIVISTI TAD-DIZABILITA'**

**Kors Qasir tal-Programm PEKTUR**

**li se jinzamm il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilità l-Ewwel Sular, Centru Hidma Socjali, Sta Venera**

**Level 1 – Hiliet ta' Advocacy**
**9 ta' April – 14 ta' Mejju 2002**

## GHALFEJN HEMM BZONNU DAN IL-KORS?

GHal hafna snin, ahna l-persuni b'dizabilità Maltin, konna qed niddependu fuq haddiehor biex jitkellem f'isimna. Persuni li m'ghandhomx dizabilità u organizzjonijiet immexxija minnhom irraprezentaw l-interessi taghna f'diversi livelli, inkluz dawk politici, edukattivi, socjali, religjuzi, nazzjonali u anke fil-komunita'. Filwaqt li napprezzaw ix-xoghol kollu li wettqu dawn in-nies, hafna minna nhossu li wasal iz-zmien li ahna l-persuni b'dizabilità **INSEMMU LEHINNA!** ahna stess. Ahna l-aktar nies li nistghu nifhmu l-aspirazzjonijiet u l-bzonnijiet taghna nfusna u ghalhekk ahna l-ahjar nies biex nitkellmu ghalina nfusna. Pero, nifhmu wkoll li mhux dejjem facli li ssemma lehnek, per ezempju fuq il-media (radju &

televizjoni) jew ma’ ufficjali pubblici. U lanqas hu dejjem facli li titkellem b’mod li twassal ezatt il-messagg li tkun tixtieq twassal. Is-settur tad-dizabilità f’Malta ghandu bzonn ta’ aktar persuni b’dizabilità u genituri ta’ persuni b’dizabilità intelletwali biex **ISEMMU LEHINHOM!** fuq dak li jolqothom b’ mod effettiv. Din hi r-raguni li se jinzamm dan il-kors.

## KIF HU STRUTTURAT DAN IL-KORS?

Semma Lehnek! 3 se jkun maqsum f’zewg livelli. L-ewwel livell, li se jinzamm fid-data ta’ hawn fuq, se jiffoka fuq hiliet ta’ advocacy u hu deskritt f’aktar dettal hawn taht (ara wkoll id-deskrizzjoni tal-kors). Peress li din hi l-ewwel darba li se tinzamm din il-parti tal-kors, din se tkun miftuha wkoll ghal dawk li attendew Semma Lehnek! 1 u 2 kif ukoll ghall-partecipanti l-godda ta’ Semma Lehnek! 3.

It-tieni livell tal-kors, Hiliet tal-Media, se jinzamm aktar tard matul is-sena. Dan il-livelli jiffoka aktar direttament fuq hiliet ta’ prezentazzjoni fuq il-media, specjalment fuq it-televizjoni u r-radju. Din il-parti tal-kors se tkun tixbah hafna lil Semma Lehnek! 1 u 2.

## DAN IL-KORS JGHODD GHALIJA?

Inti persuna b’dizabilità jew inti genitur ta’ persuna b’dizabilità intelletwali, li ghandek interess fid-drittijiet civili tal-persuni b’dizabilità? Inti lest li ssemma lehnek u li tissielet ghall-opportunitajiet indaqs ghall-persuni b’dizabilità? Jekk **IVA**, mela dan hu zgur il-kors ghalik.

## KULHADD JISTA’ JATTENDI?

Il-kors juza metodi prattici li jahdmu l-aktar fi gruppi ta’ mhux aktar minn 15-il-persuna. Tinghata preferenza lil dawk li huma diga attivi fil-qasam tad-dizabilità, specjalment dawk li diga wrew interess li jippartecipaw f’Semma Lehnek! 3. Dawk li ghamlu Semma Lehnek!1 u 2 huma mheggin li japplikaw ukoll. Jekk ma tintaghzilx din id-darba, taqtax qalbek. Il-kors jerga jinghata sakemm jibqa’ ikun hemm domanda ghalih.

## X'INHUMA L-GHANIJIET TA' DAN IL-KORS?

**(a)** Biex il-partecipanti jizviluppaw hiliet ta' advocacy effettivi fis-settur tad-dizabilità.

(b) biex il-partecipanti jkunu familjari ma' issues ta' dizabilità.

(c) biex il-partecipanti jkunu familjari mal-istruttura u rwol tad-departimenti u agenziji tal-gvern u tal-ghaqdiet mhux governattivi.

(d) biex il-partecipanti jipprattikaw hiliet ta' komunikazzjoni bil-miktub u bil-kliem, kif jippreparaw u jmexxu laqghat, u kif jittrattaw man-nies f'diversi livelli.

## KIF SE JINGHATA L-KORS?

Lectures formal se jkunu evitati kemm jista' jkun. Il-partecipanti jkunu inkoraggiti jidhlu fi djalogu mal-kelliema. Se jkun hemm prezentazzjonijiet formali, diskussjonijiet fi gruppi, role plays, videos, ecc. Fejn ikun hemm bzonn, jinghata sapport individwali lill-partecipanti.

## SE JKUN HEMM ATTENZJONI GHALL-BZONNIJIET DIFFERENTI TIEGHI?

Iva. Meta timla l-formola tal-applikazzjoni (ara hawn taht) infurmana bil-bzonnijiet partikolari tieghek. In-notamenti tal-kors jistghu jkunu provduti bil-Braille, fuq diska tal-computer, bl-email jew fuq awdio cassette. Il-post hu accessibli ghal min juza siggu tar-roti u l-facilatajiet tiegu huma accessibli wkoll. Min ghandu bzonn trasport accessibli ghandu jindika dan fil-formola. L-ispejjez ta' dan it-trasport thallshom il- Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilità.

## SE JINGHATA CERTIFIKAT?

Matul il-kors se jkun hemm assignments zghar li jkunu relatati mal-materjal tal-kors. Dawn l-assignments jistghu jsiru fi gruppi jew individwalmnet. GHalkemm mhux se jinghataw marki, il-partecipanti jridu jlestu l-assignments kollha biex jinghataw ic-ccertifikat finali.

Dan ic-certifikat jinghata lill-partecipanti li jattendu mill-inqas 80% tas-sessjonijiet, jiehdu sehem attiv fil-kors u jaghmlu l-assignments kollha. Ikun hemm festin zghir meta jinghataw ic-certifikati.

Ic-certifikati ghall-kors tal-Advocacy u tal-Media jinghataw separatament.

## X'HIN U META JINGHATA L-KORS?

| Data | Hin | Suggett | Kelliema |
|---|---|---|---|
| Tli 9 Apr | 18.00 – 19.00 | Introduzzjoni | Joe Camilleri |
| | 19.00 – 20.00 | **Issues ta' Dizabilità (1):** Kif inharsu lejn id-Dizabilità | Joe Camilleri |
| Gim 12 Apr | 18.00 – 19.00 | **Issues ta' Dizabilità (2):** X'Inhi d-Dizabilità? | A M Callus |
| | 19.00 – 20.00 | **Issues ta' Dizabilità (3):** Il-Mudell Socjali tad-Dizabilità | A M Callus |
| Tli 16 Apr | 18.00 – 19.00 | **Kif tahdem is-sistema (1):** L-iStruttura tad-Dipartimenti u Ageniji tal-Gvern | Fred Bezzina |
| | 19.00 – 20.00 | **Kif tahdem is-sistema (2):** L-iStruttura u r-Rwol tal-GHaqdiet Mhux Governattivi | Fred Bezzina |
| Gim 19 Apr | 18.00 – 20.00 | **Kif Titratta man-Nies (1):** Assertiveness (1) | tba |
| Tli 23 Apr | 18.00 – 20.00 | **Kif Titratta man-Nies (2):** Assertiveness(2) | tba |
| Gim 26 Apr | 18.00 – 20.00 | **Kif Tikkomunika (1):** l-Importanza ta' hiliet ta' komunikazzjoni tajba | Joe Cauchi |
| Tli 30 Apr | 18.00 – 20.00 | **Kif Tikkomunika (2):** Hiliet ta' komunikazzjoni bil-miktub (1) | Joe Cauchi/ Ray Fabri |
| Gim 3 Mej | 18.00 – 20.00 | **Kif Tikkomuika (3):** Hiliet ta' komunikazzjoni miktub (2) | Joe Cauchi |
| Tli 7 Mej | 18.00 – 20.00 | **Kif Tikkomunika (4):** Hiliet ta' komunikazzjoni verbali u fuq it-telefon | J Cauchi u M Calleja |
| Gim 10 Mej | 18.00 – 20.00 | **Kif tkun Organizzat (1):** Kif tmexxi u tattendi laqghat | Marcel Pisani |
| Tli 14 Mej | 18.00 – 20.00 | **Kif tkun Organizzat (2):** Kif izzomm ufficju organizzat | Mariella Calleja |

# SPEAK OUT! 3

## FORMOLA TAL-APPLIKAZZJONI

Ibghat il-formola tieghek lil: **SEMMA LEHNEK! 3 Hiliet ta' Advocacy** , Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilità, Centru Hidma Socjali, St. Joseph's High Road, Sta. Venera HMR 18. Tista' tibghatha wkoll bl-email lil resource@knpd.org jew bil-fax fuq in-numru 21484609

**Isem** ____________________

**Indirizz** ____________________

**Tel. (Dar)** __________ **Tel. (Xoghol)** __________

**Impjieg** ____________________

| **RIZORSI TAT-TAGHLIM ALTERNATTIVI (immarka fejn hu applikabbli)** | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Braille** | ☐ | **Tipa Kbira** | ☐ | **Email/ IT diskette** | ☐ | **Awdjo Cassette** | ☐ |
| **Interpretu tal-Lingwa tas-Sinjali** | | | ☐ | **Trasport accessibli ghas-Siggu tar-Roti** | | | ☐ |
| **Firma** | | | | **Data** | | | |

**Il- Programm PEKTUR** jinkludi seminars ghal zvilupp professjonali, korsijiet qosra, progetti ta' tahrig flimkien ma' organizzajonijiet ohra u grants limitati lil individwi li jkunu qed jitharrgu jew ikomplu jistudjaw f'oqsma li huma kkunsidrati bhala priorità mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilitàual.

*GHal aktar informazzjoni ikteb lil: Programm PEKTUR, Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Dizabilità, Centru Hidma Socjali, St. Joseph's High Road, Sta. Venera HMR 18. Jew ara l-website: http://www.knpd.org/.*